II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/29

tal-15 ta' Jannar 2021

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta titqies il-ħatra ministerjali reċenti tiegħu bħala Ministru għall-Affarijiet Barranin, jenħtieġ li Faisal MEKDAD jiżdied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Jannar 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A.P. ZACARIAS

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

ANNESS

L-entrata li ġejja tiżdied mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni) tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"311.	Faisal MEKDAD (magħruf ukoll bħala Fayçal, al-Mekdad, Meqdad, al-Meqdad) (فيصل المقداد)	Data tat-twelid: 1954; Post tat-twelid: Ghasm, il-Gvernaturat ta' Daraa, is-Sirja; Sess: Raġel	Ministru għall-Affarijiet Barranin. Maħtur f'Novembru 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.1.2021"